# MINUTI

## Laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn

## Laqgħa Nru. *19/2016*

Data: It-Tlieta 23 ta' Awwissu 2016

Hin: Fis-6.00 ta' filgħaxija

Post: Fil-Bini tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ

---

Preżenti:

*Is-Sinjura Marija Saliba – Chairperson*
*Is-Sur Frank Fenech – Deputat Chairperson*
*Is-Sinjura Sandra Grech – Membru*
*Is-Sur Martin Cefai – Membru*
*Is-Sur Simon Salomone Reynaud – Membru*
*Is-Sindku s-Sur Nicky Saliba – Ex Officio*

*Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva*

Skużati:

Assenti:

---

### AĠENDA

1. Talba;
2. Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa bin-nru. 18/2016;
3. Punti mqajma mill-Minuti Laqgħa bin-nru. 18/2016;
4. Korrispondenza;
5. Ilmenti u Suġġerimenti;
6. Tiswija ta' taraġ taħt Triq Santa Marija;
7. Bankijiet fil-*belvedere* ta' Triq il-Wied;
8. Materja oħra;
9. Aġġornament.

Ippresjediet il-laqgħa ċ-Chairperson is-Sinjura Marija Saliba.

## 1. Talba

1.1 Intqalet talba miċ-Chairperson u ngħata bidu għall-laqgħa.

## 2. Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa bin-nru. 18/2016

2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-nru. 18/2016 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

2.2 Iċ-Chairperson talbet għal xi korrezzjonijiet li setgħa kien hemm għall-minuti.

2.3 Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

2.4 Iċ-Chairperson talbet għall-approvazzjoni tal-minuti kif ippreżentata u staqsiet għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu. Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

## 3. Punti mqajma mill-Minuti Laqgħa bin-nru. 18/2016

3.1 Dwar 5.1 *pedestrian crossing* fi Triq il-Qbajjar, il-Kumitat ftiehem li s-Segretarja Eżekuttiva tagħti *reminder* lill-Perit għal *feedback* tiegħu u jekk ikun hemm bżonn terġa' ssir *site visit*.

3.2 Dwar 4.1 plakka fil-Bajja tal-Qbajjar, il-Kumitat approva li din issir minnu.

## 4. Korrispondenza

4.1 **Applikazzjonijiet għall-permess tal-Kunsill Lokali**

| | **Deċiżjoni meħuda mill-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn** |
|---|---|
| (i) Natasha Sciberras<br>Għal attivita` ta' monti l-Hadd 4 ta' Settembru 2016 fil-*car park* ta' Marsalforn. | Approvata. |
| **(ii)** Home-Start Għawdex, Ministeru għal Għawdex<br>Divertiment għat-tfal is-Sibt 10 ta' | Approvata. |

Settembru 2016 fi Triq il-Port.

| | |
|---|---|
| **(iii)** Joe Louis Xiberras<br>Għal logħob għaż-żgħażagħ il-Ħadd 11 ta' Settembru 2016 fuq il-*promenade* ta' Marsalforn. | Approvata. |
| **(iv)** Stephen Theuma – Blue Border<br>Għal taħriġ mill-1 sat-2 ta' Novembru 2016 fil-*car park* ta' Marsalforn. | Tintalab aktar informazzjoni. |
| **(v)** Trish Mac Donald – Flower of Scotland<br>Għal divertiment – kant nhar ta' Hamis fi Triq il-Wied. | Approvata, sal-aħħar ta' Settembru 2016. |

**Sar il-qari ta' din il-korrispondenza:**

4.2 Komunikat tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar ilment imressaq minn residenta dwar żewġ bankijiet li waħħal il-Kumitat fi Triq is-Sajjied. Il-Kumitat qabel li jaqla' dawn il-bankijiet u jpoġġihom aktar il-barra quddiem ir-residenza ta' Gatt.

4.3 Ittra mibgħuta mis-Sinjura O Gatt Schembri fejn talbet biex jitneħħew il-parkeġġ riservat għall-persuni b' diżabilita` u d-*double yellow lines* fi Triq is-Sajjied li kienu talbu għalihom huma stess. Il-Kumitat qabel li jitneħħew - ser issir talba lil Transport Malta biex dan il-*bay* u d-*double lines* jitneħħew.

4.3 Ittra mibgħuta minn Transport Malta dwar iċ-ċaqliq ta' *bus stop* fi Triq il-Qbajjar.

4.4 Ittra mibgħuta mis-Sinj. G Formosa dwar parkeġġ riservat għal persuni b' diżabilita` fi Triq Għar Qawqla. Ser issir *site visit* miċ-Chairperson.

4.5 Komunikat ta' Transport Malta biex arblu ta' tabella jinqala' minn mal-kurduna tal-bankina fi Triq il-Wied u minflok dan l-arblu jitwaħħal fil-bankina. Il-Kumitat iddeċieda li għandu jibqa' kollox kif inhu.

## 5. Ilmenti u Suġġerimenti

5.1 Dwar KAM 18/2016, il-Kumitat iddeċieda li d-*double yellow lines* jinżebgħu mill-ħaddiema tal-Kunsill.

**5.2** KAM 24/2016 – is-Sur C Camilleri
Issuġġerixxa li ssir bankina n-naħa tal-baħar fi Triq Sta Marija. Is-Segretarja Eżekuttiva qalet hemm xi fondi minn tal-UIF li jistgħu jintużaw. Ġie deċiż li ssir *site visit* mal-Perit.

**5.3** KAM 25/2016 – is-Sinj. T Bonnici
Talbet biex titwaħħal lampa ġdida mar-residenza 'Regina in Couelum Assunta' fi Triq il-Munġbell. It-talba kienet approvata mill-Kumitat.

**5.4** KAM 23/2016 – il-Viċi Sindku D Cordina
Biex jinżebgħu *double yellow lines* bejn garaxx u ieħor garaxxijiet ta' G Sacco fi Triq is-Sajjied. Iċ-Chairperson qalet li d-*double lines* inżebgħu. Biex isiru *parking bays* fi Triq is-Sajjied u Triq il-Kapt. Frank Debono. It-talba kienet rifjutata mill-Kumitat.

## 6. Tiswija ta' taraġ taħt Triq Santa Marija

**6.1** Is-Segretarja Eżekuttiva qalet li kienet tkellmet mal-Perita tal-Ministeru dwar it-tiswija ta' dan it-taraġ. Il-Perita nfurmatha li kienet għadha tistenna risposta mill-Planning Authority dwar jekk hemmx bżonn il-permess tal-Awtorita` biex isiru x-xogħlijiet.

## 7. Bankijiet fil-*belvedere* taħt Triq Santa Marija

**7.1** Ġie deċiż li ssir sejħa pubblika għal kwotazzjonijiet għal provvista ta' sitt bankijiet ikunu *maintenence free* għall-*belvedere* ta' Triq il-Wied.

## 8. Materja Oħra

**8.1** Iċ-Chairperson ressqet dawn il-proposti:
- titwaħħal tabella turi "No Entry – Heavy Vehicles" fi Triq il-Munġbell kantuniera ma' Triq ir-Rabat.
- *reminder* dwar is-CCTVs li l-Ministru għal Għawdex qal li kien ser
] jinstallha maġenb il-*bring-in sites* ta' Marsalforn.
- fejn saru l-bankini ġodda fi Triq Ulisse u Triq il-Wied, jitwaħħlu viti mill-kuntrattur fejn hemm it-tappieri tad-drenaġġ.

Il-Kumitat qabel mal-proposti mressqa miċ-Chairperson.

Il-Viċi Chairperson ressaq dawn il-proposti:
- jinżebgħu *double yellow lines* fuq naħa waħda ta' Triq Ulisse. Issir applikazzjoni ma' Transport Malta.

- dwar il-ħajt ta' għalqa li nqala' fi Triq Ulisse, is-Sur Fenech qal li l-għalqa hi proprjeta` tas-Sur V Borg.

## 9. Aġġornament

**9.1** Il-laqgħa ntemmet fit-8.30 ta' filgħaxija.

Iffirmati
***Marija Saliba***
*Chairperson*

Iffirmati
***Diane Tagliaferro***
*Segretarja Eżekuttiva*